# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## MAGISTRAT DOTTOR SAVIOUR DEMICOLI LL.D., M.Phil.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**CARMELO ZAMMIT**

**Illum 20 ta' Novembru, 2015**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmelo Zammit ta' 72 sena, iben Nazzareno u Giuseppa nee' Caruana, imwieled Zejtun fil-20 ta' Gunju, 1935 u residenti 36, St. Joseph, Triq il-Kbira, Zejtun, detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 476235(M).

Gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-21 ta' Marzu 2008 ghal habta ta' 16.30hrs fi Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun;

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharris ta' regolamenti, ikkaguna offizi ta' natura gravi u perdurata fuq il-persuni ta' Jeffrey Schembri skond kif iccerifikat Dr. Juanita Agius mill-Isptar Mater Dei, u Michael Abela skond kif iccertifika Dr. Philip Amato Gauci mill-isptar Mater Dei u dan bi ksur ta' Artikolu 226 (a) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Saq il-vettura LAB 313 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza

3. Waqt illi kien qed isuq il-vettura LAB 313 naqas milli jieqaf fuq stop sign.

F'kas ta' htija, il-prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semghet trattazzjoni.

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni tal-Ispettur Arthur Mercieca li fis-Seduta tal-4 ta' Gunju, 2008, qal:

"Fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu, ta' din is-sena ghal habta tal-erbgha w nofs (4.30) ta' filghaxija, il-pulizija tal-ghassa taz-Zejtun ircieviet telefonata li kienet tindika illi kienet sehhet kolluzjoni gewwa Triq il-President Anton Buttigieg u li fiha kienu wegghu xi persuni. Il-pulizija maret immedjatament fuq il-post fejn sabet li kienet sehhet kolluzjoni bejn vettura LAB 313, tal-marka Peugeot, kif ukoll vettura EAJ 717 tal-marka Opel. Min enquires illi ghamel is-surgent Adrian Sultana Ps. 1312, gie stabilit illi vettura LAB 313 kienet qed tigi misjuqa mill-imputat Carmelo Zammit, fil-waqt illi l-vettura l-ohra EAJ 717, kienet qed tigi misjuqha minn certu Dianel Abela, miz-Zejtun. Carmelo Zammit, minhabba li kien sofra xi griehi f'dan l-incident ittiehed lejn l-isptar Mater Dei permezz ta' ambulanza, u fil-fatt qed nesebixxi kopja tac-certifikat tal-griehi li garrab. Qed tigi esebita bhala Dok. AM 4. F'dan l-incident sofrew ukoll xi griehi Jeffrey Schembri, kif gie ccertificat minn Dr. Juanita Agius, mill-isptar Mater Dei, illi qed jigi esebit bhala Dok. AM 5. Sofra wkoll xi griehi Michael Abela, kif gie ccertifikat minn Dr. Philip Amato Gauci, mill-isptar Mater Dei, liema dokument qed jigi esebit bhala Dok. AM 6. Mill-verzjoni illi ha s-surgent fuq il-post kif ukoll mill-iscetch, irrizulta illi l-vettura LAB 313, li kienet qed tigi misjuqa mill-imputat Carmelo Zammit, baqghet hierga minn Marsaxlokk Road, illi hija mmarkata bi stop sign. Mentri vettura EAJ 717, kienet qed tigi misjuqa fi triq il-President Anton Buttigieg, fid-direzzjoni taz-Zejtun, u kien hemm hekk li sehh l-impatt."

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' PS 1312 Adrian Sultana li fis-Seduta tal-erbgha (4) ta' Gunju, 2008, qal:

"Nghid illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena kurrenti elfejn u tmienja (2008) li kienet il-Gimgha l-Kbira, jiena kont gejt imsejjah mill-ghassa ta' Birzebbuga biex jiena mmur gewwa Triq il-President Anton Buttigieg gewwa z-Zejtun biex jiena nassisti ghaliex kien hemm incident tat-traffiku fejn kienu weggghu xi nies. Jiena mort fuq il-post. Fuq il-post sibt illi l-vettura LAB 313 u l-vettura EAJ 717 kienu mahbutin. Jiena minn investigazzjonijiet li ghamilt irrizultali illi l-vettura LAB 313 kienet hareg minn Triq Santu Kristu li hija regolata bi stop sign u qasmet gewwa it- Triq il-President Anton Buttigieg. U li l-vettura EAJ 717 kienet gejja mid-direzzjoni ta' Bir id-Deheb u sejra fid-direzzjoni ta' Wied il-Ghajn. U allura l-vettura EAJ 717 kienet ghaddejja fil-main road. Inzid nghid illi l-vettura LAB 313 kienet misjuqa mir-Rev. Carmelo Zammit. In kwantu ghal-vettura l-ohra EAJ 717, kienet qed tigi misjuqa minn

Daniel Abela. Jiena meta ndunajt illi kien hemm injuries, allura sejjaht ambulanza fuq il-post, kif ukoll Carmelo Zammit ngharfu bhala l-imputat prezenti fl-awla u kemm ukoll zewg (2) passiggieri li kienu gewwa l-vettura EAJ 717 gew mehuda l-isptar. Inzid nghid illi minn aktar investigazzjoni irrizultali illi l-griehi sofferti kemm mill-imputat kif ukoll miz-zewg (2) passiggieri l-ohra u li dawn iz-zewg passiggieri kienu Jeffrey Schembri u Michael Abela. In kwantu ghall-griehi sofferti minn dawn it-tlett (3) persuni, kienu kollha ta' natura gravi.

Qed nesebixxi okkorenza li hija minni mdahhla u hija minni ffirmata, liema dokument qieghed jigi esebit u mmarkat bhala Dok. HSP1. U qed nesebixxi bhala Dok. HSP2 sketch dwar l-incident minni maghmul. Nghid illi jiena in kwantu ghax-xufier tal-vettura EAJ 717, u cioe Daniel Abela, kont kellimtu fuq il-post. Dana lili kien qalli li huwa kien qieghed isuq minn fejn il-Lesco Supermarket, sejjer lejn Wied il-Ghajn. Huwa zid jghidli li l-karozza l-ohra kienet harget mit-triq ta' Marsaxlokk u 'jiena sibtu fit-triq.' 'Jiena ppruvajt nieqaf', zied jghidli dan Daniel Abela, izda ma lhaqtx u hbatna. Dan zied jghidli li lanqas lahaq ghafas il-brejk. Hawn hekk nixtieq inzid nghid li jiena fuq il-post kont sibt wiehed u ghoxrin (21) metru brejk marks, pero' jiena meta kellemt lil imsemmi xufier Daniel Abela, dan kien qalli li dak il-brejk mark ma kienx tieghu, imma ta' karozza li kienet warajh.

Jiena in kwantu ghal imputat kont kellimtu f'zewg (2) okkazjonijiet. Nghid illi l-ewwel (1) verzjoni kont hadta l-ghada ta' l-incident fejn kellimt lil-imputat gewwa l-isptar Mater Dei u dana kien qalli li hu kien hiereg minn gewwa Marsaxlokk Road. Kien qal li kien sejjer lejn xi naha minnhom, pero' ma jiftakarx liema naha. U mbaghad qal li sab lil iehor ghal fuqu u ma jiftakarx aktar. Zid jghidli li hu kien jiftakar illi mill-karozza kien hareg wahdu. Meta mbaghad kellimt lil-imputat fit-tieni (2) okkazjoni, dan qalli li huwa kien ftakar fejn kien sejjer u cioe' kien sejjer lejn in-naha ta' Wied il-Ghajn. U zid jghidli li huwa kien isuq billi l-ewwel jaqsam ghal-lane opposta u mbaghad idur ghad-direzzjoni li jkun sejjer fiha. Huwa zid jghidli li huwa ma kien ra l-ebda karozza ghaddejja fit-triq u ghalhekk kien hareg. Nghid li lili l-imputat kien qalli li hu kien hareg minn fejn kien hemm l-istop sign. Jiena nixtieq nghid illi jiena nizzilt kelma b'kelma dak li kien qalli l-imputat. U ghaldaqstant, m'ghandix imnizzel lil imputat li kien qalli li kien waqaf jew ma waqafx fuq l-istop sign."

L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami qal:

"Nghid ir-rapport jiena li kien sehh l-incident, ircivejtu fl-erbgha u nofs (4.30) ta' wara nofs inhar. Nghid jiena qisu domt ghoxrin (20) minuta biex wasalt fuq il-post ta' l-incident. Persuni li spiccaw l-isptar kienu, l-imputat u z-zewgt (2)

passigieri u cioe' Jeffrey Schembri u Michael Abela. Ix-xufier tal-vettura EAJ 717 qalli li ma kellux bzonn imur l-isptar u baqa' fuq il-post. Nixtieq nghid illi meta jiena kont fuq il-post innutajt illi l-imputat kien qieghed bil-qieghda ma' l-art ghax qal li ma kienx qed ihossu tajjeb. Niftakar in kwantu ghal Jeffrey Schembri, dan innutajt li kellu d-demm ma wiccu. Dana deher mugghuh u beda jghidli li kiser idejh. Inkwantu ghal Michael Abela, ma niftakarx l-istat illi sibtu fih meta kont fuq il-post. In kwantu tax-xufier tal-vettura EAJ 717, jiena repetutament ghidtlu biex imur l-isptar. Hu qal li kienu qed jugawh idejh, pero' hu beda jghidli li ma jridx imur l-isptar. Iz-zewgt (2) passigieri li kienu fil-vettura EAJ 717 u cioe' allura Jeffrey Schembri u Michael Abela, jiena nnutajt illi dawn kienu ecitati. In kwantu ghax xufier Daniel Abela, jiena li nnutajt li kien qisu mahsud, kisu wiehed iccassat."

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Jeffrey Schembri li fis-Seduta tal-erbgha (4) ta' Gunju, 2008, qal:

"Nghid illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu elfejn u tmienja (2008) u dan ghal-habta ta' xi l-erbgha u nofs (4.30) ta' filghaxija, jiena kont qieghed passiggier go vettura li ggib registration number EAJ 717 u li din il-vettura kienet qieghda tigi misjuqa minn Daniel Abela. Nghid, oltre jiena u x-xufier Daniel Abela, kien hemm ukoll fil-vettura Michael Abela. Nghid illi ahna konna ghaddejjin gewwa z-Zejtun fejn hemm il-Lesco Supermarket. Din hija triq twila u dritta. Filli konna qed insuqu normali u f'daqqa wahda nnotajt li kien hemm wiehed hiereg b'karozza minn triq fil-genb u li dan ma kienx qieghed 'il boghod minna. Jiena mbaghad kont intlift minn sensija u ergajt gejt f'sensija meta kont qieghed rikoverat l-isptar.

Jiena fost il-griehi li soffrejt, kelli ksur fit-tieni (2) kustilja tan-naha tal-lemin. Kelli wkoll ksur fuq l-ghadma ta' mniehri. Nghid fuq saqajja tal-lemin kelli nefha fil-parti ta' isfel. Fuq sieqi tax-xellug, nghid kelli ksur fl-irkobba, pero' ma kienux ghamluli gibs. Nghidlek ukoll, kelli abrazzjonijiet bis-seat belt fuq sidri. Nghid illi kelli wkoll il-polz miksur ta' idi x-xellugija. Kelli wkoll punti fuq wicci. Dawna huma fost il-griehi li jiena kelli. Jiena f'dan l-incident, kont riekeb bhala passiggier fuq is-seat ta' quddiem.

Nghid illi jiena fejn kont qieghed bil-qieghda, innutajt illi kelli vizjoni tajba tat-triq u t-temp kien normali. Jiena sallum ghadni nbaghti mill-griehi li soffrejt fl-incident li ghamilt referenza ghalih u dana b'ugiegh gewwa mniehri u anke f'idejja. U jiena nghid fil-fatt, illi ma nistax nahdem u ghandi karti mill-isptar. Jiena ghadni mmur ghat-trattament u ghal idejja u ghandi mmur ghal-fisjoterapija.

Qieghed nesebixxi certifikat mediku li qieghed jigi esebit u mmarkat bhala Dok. JS1. Nghid jiena dwar il-griehi li soffejt, ma kont gejt operat. Qed nesebixxi bhala Dok. JS2 li huwa case summary mahrug mill-isptar Mater Dei."

L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami qal:

"Nixtieq nghid illi dak inhar ahna konna qeghdin nahslu l-karozzi u Daniel Abela qalilna biex immorru mieghu halli jaghti d-diesel lil-karozza tieghu. Irkibna, morna u wara li hadna d-diesel, l-intenzjoni taghna kienet li nerga mmorru lejn id-dar. Nghid illi l-karozza tieghi kont qieghed nahsilha quddiem id-dar ta' l-gharusa, filwaqt illi Daniel Abela kien qed jahsel il-karozza tieghu quddiem id-dar tieghu. Ma konniex qeghdin hafna boghod minn xulxin. Jiena ma nigix minn Michael Abela u lanqas nigi minn Daniel Abela. Pero' nghid li dawn huma hbieb tieghi. Jiena gieli qabel kont irkibt ma' Daniel Abela. Nghid illi Michael Abela m'ghandux karozzi. In kwantu ghal Daniel Abela naf li ghandu Mitsubixxi u wkoll ghandu vettura Nova, liema vettura kienet il-vettura nvoluta fl-incident mertu ta' din il-kawza. Jien ghandi ghoxrin (20) sena. Nghid illi Daniel Abela ghandu dstatax (19) -il sena u jidhirli li Michael Abela ghandu xi stabtax (17) -il sena. Nghid mill-hin li ahna tlaqna minn fejn konna qeghdin nahslu l-karozzi sal-hin li sehh l-incident, ghaddew bejn ghaxra (10) sa hmistax (15) -il minuta. Qed nigi mistoqsi mid-difiza jekk niftakarx min kien cempel lill-pulizija, nghid li ma niftakarx.

Nixtieq nghid illi qed nigi mistoqsi mid-difiza xi kemm damu mill-hin li saret it-telefonata sakemm gew il-pulizija, nghid jien dak kollu ma niftakrux ghaliex jiena kont mitluf minn sensija. Nghid illi fil-vettura kif konna qeghdin impustajti ahna, konna Daniel Abela kien qieghed isuq, Michael Abela kien qieghed passiggier wara Daniel Abela u jiena kont qieghed passiggier fuq is-seat ta' quddiem. Nghid illi Michael Abela, meta Daniel Abela kien qieghed jahsel il-karozza tieghu, dana Michael Abela kien qed jghin lil istess Daniel biex jahslu din il-karozza. Nghid illi Michael Abela u Daniel Abela huma ahwa. Nghid illi jiena nichad illi jiena kont qieghed insuq il-vettura ta' Daniel Abela dak il-hin li sehh l-incident. Dak inhar, f'din l-okkazzjoni kien Daniel Abela li kien qed isuq il-vettura. Fil-fatt nghid li jiena qatt ma soqt xi vettura ta' Daniel Abela. Nghid jiena gieli kont irkibt bhala passiggier fil-vettura Nova ta' Daniel Abela. Nghid li qed jigi suggerit lili mid-difiza li jiena gieli soqt vettura ta' Michael Abela u li jew jiena jew Michael Abela inkunu soqna l-vettura. Dana nichdu. Nigi mstoqsi mid-Difiza jekk xi jiem qabel l-incident, jiena flimkien ma' Michael Abela konna morna ghand mekkanik b'xi vettura jew mutur, nghid illi dan mhux minnu. Nghid illi jiena lil Michael Abela qatt ma rajtu jsuq xi vettura."

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Michael Abela li fis-Seduta tat-tnejn (2) ta' Marzu, 2009, qal:

"Nghid illi gewwa Triq il-President Anton Buttigieg Zejtun u nghid dan fil-21 ta' Marzu 2008, nghid illi jiena flimkien ma' hija Daniel u Jeffrey Schembri konna qeghdin hdejn id-dar taghna gewwa z-Zejtun. Konna qeghdin nahslu l-karozza u mbaghad ahna morna biex intuha d-diesel. Kien hija l-kbir Daniel li saq il-karozza. Nghid Jeffrey kien qieghed passiggier quddiem u jien kont qieghed fuq is-seat ta' wara. Hadna l-petrol u konna sejrin lura lejn id-dar. Kif konna ghaddejin mit-triq il-President Anton Buttigieg iz-Zejtun, nghid hin minnhom hadna daqqa u jiena li kont qieghed fuq is-seat ta' wara dak il-hin kont qed nilghab bil-mobile. Li naf huwa li kienet harget karozza u spiccajna go fiha. Kont rajtha minn taht il-ghajn din il-vettura hierga minn go side street u dina harget minn go l-istop sign ghal gol one way. Jiena kelli girfa fuq wicci n-naha tax-xellug u qasma zghira fuq geddumi. Nghid jiena kelli toqba sewwa go rkuptejja tax-xellug u kelli bzonn il-punti ghal dina t-toqba. U nghid fil-fatt jiena saqajja tax-xellug, in kwantu ghal irkopti ghadha tugghani sal-lum. Fil-fatt kull meta naghmel xi ghaxar minuti mixi jkolli nieqaf."

L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami qal:

"Nixtieq nippreciza li t-toqba go rkuptejja spiccat hadtha probabilment ghaliex habbat irkopti gewwa l-handbrake. Dana nispjegah halli jiena ghalkemm kont qieghed fuq is-seat ta' wara jiena ghandi l-vizzju u dakinahr kont hekk, qieghed f' nofs is-seat ta' wara. Konsegwentement bil-habta nghid illi l-possibilta hija li din it-toqba fi irkopti ghamiltha mal-handbrake. Fil-fatt nghid li ta' l-isptar kienu qaluli li disgha u disghin fil-mija kien il-handbrake li kkagunali dina t-toqba. Nghid ahna konna gejjin minn naha tal-Lasco Supermarket sejrin lejn iz-Zejtun. Fil-fatt konna diga' gewwa z-Zejtun meta sar l-incident. Nghid illi ahna konna hadna l-Petrol minghand Cassar Service Station.

Qed nigi muri sketch li jinsab a fol 24 tal-process u dan l-isketch naqbad kif qieghed b' dana l-isketch nghid il-vettura li kien qieghed isuq hija kienet il-vettura EAJ – 717. Ghalhekk nghid id-direzzjoni ta li konna sejrin kienet fid-direzzjoni kif indikat fuq dan l-isketch lejn Marsascala. Nixtieq nghid li l-vettura li habtet maghna kienet hierga minn triq Santu Kristu. U nghid illi fejn qed nindika hawnhekk ukoll fuq dana l-isketch, fejn hawn miktub Stop, nghid illi din harget kontra l-one way. Nghid illi dan hareg mill-one way ghax spicca fil-fatt fejn hemm indikat stop sign, fejn ukoll hemm indikat no entry from this side. U nghid hemmhekk kien l-ewwel darba meta kien hemm l-impatt.

Nghid illi l-persuna li habat maghna li qed naghrfu prezenti fl-Awla, fil-fatt jiena mort inkellmu u bdejt incaqalqu biex insaqsih jekk hux kollox all right. Innutajt li l-imputat kellu d-demm ma' rasu u nghid kien hemm zewg persuni qalilna biex nohorguh imma jiena peress li rajt id-demm ma' rasu bzajt incaqalqu. Imbaghad naf li kienu harguh in-nies. Nghid sa fejn naf jien hija kien dar biex spiccajna gewwa din it-triq fejn Montebello tat-tyres. Nghid jiena ghalija hija kien qieghed isuq bi speed normali u nghid jiena ma rajtx l-arlogg tal-kilometres kemm kien ghaddej. Ghalija kien speed normali.

Qed jigi suggerit lili mid-Difiza li effettivament jien kont qieghed insuq dakinahr u jiena nichad dan. Nghid li f' dan l-istadju l-Qorti qeghda ttini twissija skond il-Ligi.

Qed nigi mistoqsi mid-Difiza jekk kemm-il darba fil-fatt jien fil-passat qattx soqt xi vettura naghzel li nirrispondi li jien qatt ma soqt xi vettura fil-passat. Nghid jiena ghadni sal-lum bla licenzja u ma tantx jien imhajjar insuq karozzi. Nghid illi jiena fl-ahhar sentejn qatt ma kontx involut f' incident stradali. Dana nghid illi la bhal passiggier u lanqas bhala xufier. Fil-fatt nerga' nikkonferma li jiena qatt ma soqt vettura. Nghid l-uniku incident iehor li jiena kont involut fih kien xi hames snin ilu u kien incident stradali bumper to bumper u ma kontx qieghed insuq jien. Kont passiggier fuq quddiem."

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' PS 1312 Adrian Sultana li fis-Seduta tal-ewwel (1) ta' Gunju, 2011, qal:

"Nikkonferma li jiena kont hadt l-istatements tal-persuni nvoluti fl-incident mertu ta' din l-kawza, dawn l-istatements kont hadthom uhud minnhom fuq il-post u ta' l-imputat l-istatement tieghu kont hadtu l-isptar. Precizament inkwantu ghall-ewwel statement, imbaghad l-imputat kien ikkuntattjani u kien tani statement ulterjuri. Nghid bejn l-ewwel statement li kien tani l-imputat u t-tieni statement li mbaghad kien talabni biex jaghtini u tani dan l-istatement kienu ghaddew granet. Kwantu ghall-istat li kien l-imputat meta jiena mort nohodlu l-ewwel statement meta dan kien rikoverat l-isptar l-istat ta' l-imputat kien, dana kien fils-sodda go l-ward, dana beda jitkellem normali, nghid illi lili l-imputat kien ikkomplenja mieghi li ma kienx qieghed jiftakar meta jiena kont qed nohodlu dan l-istatement.

Qed nigi mistoqsi mid-difiza jekk jiena qabel hadt l-istatement ta' l-imputat waqt li dan kien rikoverat l-isptar l-imputat kienx inghata xi medicini bhal sedattivi qabel ma jiena hadtlu l-istatement nghid jiena dan m'ghamiltux. Inkwantu ghal meta jiena kont dahhalt l-istatement fl-okkorrenza ma niftakarx ezatt jekk kellix xi xoghol iehor allura jiena dan l-istatement kontx dahhaltu

dakinhar stess jew inkella wara. Nghid jiena mhuwiex parti minn xogholi li meta persuna tigi l-ghassa u tkun trid kopja ta' okkorrenza nghaddihula jiena. Nghid li qed nigi nfurmat mid-difiza illi sa xahar wara li jiena kont hadt l-ewwel statement ta' l-imputat kien irrizulta illi dan l-istatement ma kienx available ghad-disposizzjoni ta' persuni li jirrikjedu kopja ta' dan l-istatement, dwar dan jien nghid li jien ma naf xejn. Nixtieq nghid illi jiena kont ircevejt telefonata minn ghand l-imputat li lili kien qalli li issa kien ftakar sew kif gara l-incident, dan xi jiem wara li rrilaxxja l-ewwel statement u dan lili qalli illi issa kien ftakar kif graw l-affarijiet, qalli li xtaq ibiddel xi affarijiet mill-ewwel statement.

Ghidtlu li jbiddel ma setax li seta' jaghmel huwa illi jzid fuq dak li qal, fil-fatt jaghtini stqarrija gdida u jzid dak li xtaq izid u hekk gara. Qed nigi mistoqsi mid-digiza jekk kienx hem xi hadd iehor li kien involut f'dan l-incident barra l-imputat li talab li jaghmel xi tibdil jew zjieda fl-istatement tieghu nghid illi hadd. Nghid illi jiena lix-xufier Daniel Abela kellimtu fuq il-post ta' l-incident. Nixtieq nghid illi jiena dwar polza ta' l-assigurazzjoni meta kont ghamilt il-verifika mas-sistema taghna tal-pulizija meta mort l-ghassa kien irrizultali illi l-vettura illi kien qieghed isuq fil-hin ta' l-incident dana Daniel Abela ma kienetx koperta minn polza ta' assigurazzjoni. Nghid li meta kellimt lil Daniel Abela lili ma kienx qalli li kellu jew ma kellux polza ta' assigurazzjoni valida, nghid jiena ma jidhrilix li kien hemm xi nformazzjoni dwar particulars li kien semmieli Daniel Abela li mbaghad jiena sibhom li jikkontrastaw ma l-informazzjoni illi kelli mill-ufficcju meta ccekkjajt mas-sistema taghna tal-pulizija. Qed nigi mistoqsi mid-difiza jekk niftakarx li l-ID Card Number li kien tani Daniel Abela ix-xufier kien zbaljat nghid li ma niftakarx. Nghid ghalkemm f'dan il-kaz ma niftakarx partikulari nghid pero' gie li bil-fixla jaqilbu xi numru ta' l-ID card u ghalhekk ma jghiduhulix korrett. Nghid illi jiena mill-verifiki li ghamilt mas-sistema tal-pulizija kien irrizulta li x-xufier kien Daniel Abela ma kienx kopert b'polza ta' l-assigurazzjoni rigwardanti l-vettura li kien qieghed isuq f'dan l-incident u nghid li jiena ma kont infurmajt b'dan lill-Ispettur concernat li kien qieghed jinvestiga l-kaz sabiex jittiehdu l-passi necessarji.

Qed nigi mistoqsi jekk kemm il-darba jiena lil Jeffrey Schembri jiena kontx kellimtu nghid li suppost iva. Nghid minn ezami ta' l-okkorrenza li hemm esebita f'din il-kawza bhala Dok. HSB 1 li tinsab minn folio dsatax (19) tal-process nghid illi qieghed ninnota li ghalkemm jiena nizzilt il-particulars ta' dawna l-persuni li qed nigi mistoqsi dwarhom mid-difiza cioe' Jeffrey Schembri u Michael Abela nghid illi mill-istess okkorrenza jidher li ma kontx dahhalt pero' l-istqarrijiet ta' dawn il-persuni li kont hadtilhom jien. Nixtieq nghid illi jiena bhala stat ta' fatt li nista nghid hu li kemm lil Jeffrey Schembri u kemm lil Michael Abela fuq il-post ta' l-incident kont kellimthom. Nghid illi jiena dawk li

jkun qaluli l-persuni li jkunu nvoluti fl-incident inkun nizzilthom fl-inkartamenti tieghi li jiena niehu fuq il-post u jidhirli li rigwardanti dan il-kaz dawk l-inkartamenti ghadhom fil-pussess tieghi."

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' PS 1312 Adrian Sultana li fis-Seduta tal-hdax (11) ta' Ottubru, 2012, qal:

"Difiza: Inti kellek tipprezenta xi dokumenti jew iggib xi nformazzjoni wara l-ahhar darba li kont xhedt?
Xhud: L-ahhar darba kontu tlabtuni biex intella l-primi noti mieghi.
Qorti: Surgent qieghed f'pozizzjoni li tesibihom dawn id-dokumenti?
Xhud: Mhix problema Sur Magistrat.
Qorti: Kemm ghandek dokumenti?
Xhud: Il-primi noti prattikament hija wahda, l-ohrajn huma kopja ta' l-isketch u xi normazzjoni ohra fuq l-istess kaz. Qed nesebixxi n-notamenti bhala Dok SNG1.
Difiza: Dawn jirreferu ghal meta mort on site inti?
Xhud: Iva Sur Magistrat dawk huma n-notamenti li hadt fuq il-post dak il-hin ta' l-incident.
Difiza: Issa inti meta xhedt l-ahhar darba kont ghamilt referenza ghax sussegwentement kien rega kellmek il-Monsinjur tiftakar?
Xhud: Iva.
Difiza: Issa int l-Monsinjur iltqajt mieghu l-ghassa jew inkella kontu kkomunikajtu b'xi mod iehor?
Xhud: L-ewwel darba kont kellimtu meta kien qieghed l-isptar, t-tieni darba kien cempilli bit-telephone.
Difiza: Jigifieri kkomunikajtu bit-telephone.
Xhud: Iva Sur Magistrat kien cempilli l-ghassa Birzebbuga u kien tanti verzjoni li kien qalli li jiftakar ahjar u xtaq izidha fir-rapport.
Difiza: Issa ha nurik xi tliet (3) ritratti tas-site ta' l-incident dawn iddubbajnihom dan l-ahhar xi hadd inzerta kien ghaddej minn hemmhekk dakinhar. Qed taghrafha s-site?
Xhud: Iva.
Difiza: Huwa dak l-incident?
Xhud: Iva.
Difiza: Mela f'wiehed mir-ritratti jidhru marki tal-brakijiet ma l-art.
Xhud: Iva.
Difiza: Issa qed tarahom il-brake marks hemmhekk?

Xhud: Iva Sur Magistrat immarkati Dok A1 u Dok A2 ukoll jidhru.

Difiza: Qabbilhom ma l-isketh jekk joghgbok.

Xhud: Iva Sur Magistrat.

Difiza: Ma l-isketch fil-Process.

Pros: Qed tigi muri sketch a fol erbgha u ghoxrin (24) tal-Process tista tikkonfermalna?

Xhud: Iva Sur Magistrat il-brake marks tieghu fid-Dok A1 u f'Dok A2 huma l-istess brake marks li hawn parti minnhom hawnhekk fl-isketch li huwa mmarkat a fol erbgha u ghoxrin (24).

Difiza: Issa l-vettura li kien qed isuq . . . f'dak ir-ritratt qed tinnota illi hadet certu direzzjoni partikulari wara l-impatt? Qed tarah . . . (ma jinftehimx).

Xhud: Il-brake markx jiefqu f'certu punt Sur Magistrat.

Difiza: All right, qed tara d-direzzjoni . . . (ma jinftehimx) dan il-hajt?

Xhud: Iva anke fl-isketch immarkat il-brake marks qeghdin jigbdu direzzjoni lejn il-hajt.

Difiza: Inti kont kejjilt minn fejn jiefqu l-brake marks ghal hajt . . . il-karozza?

Xhud: Minn fejn jieqfu l-brake marks sal-karozza?

Difiza: Sal-karozza.

Xhud: Jiena kont kejjilt Sur Magistrat mill-kantuniera sal-karozza, prattikament m'hemmx differenza kbira bejn brake marks mill-kantuniera . . .

Difiza: . . . kemm kienet dik id-distanza?

Xhud: Tlettax punt erba' (13.4) metri mill-parti ta' quddiem u hmistax (15) il-metru mill-parti ta' wara tal-karozza mill-kantuniera.

Difiza: Jigifieri l-karozza daret?

Xhud: Il-karozza daret iva Sur Magistrat.

Difiza: Issa fix-xhieda taghhom wiehed mill-persuni li kienu fil-karozza qal li l-Monsinjur hareg kontra l-one way, inti z-zona tafha le?

Xhud: Iva.

Difiza: Taf jekk hemmx one way, jew kienx hemm one way?

Xhud: No Sur Magistrat il-Monsinjur ma harigx kontra l-one way, minn fejn hareg ma kienetx kontra l-one way, seta' johrog minn fejn hareg. It-triq li kienet opposta ma setghetx tidhol minnha, li kienet faccata tat-triq li hareg minnha l-Monsinjur. Il-one way hija t-triq hawnhekk kien hawn triq no entry, il-Monsinjur hareg minn triq li

kienet fuq din in-nahha tat-triq, dik it-triq hija two way, tista tidhol minnha u tista tohrog minnha. Minn fejn hareg kien hareg tajjeb, ma harigx kontra l-one way.

Difiza: Dak kollox m'ghand is-surgent."

L-istess xhud in ri ezami qal:

"Pros: B'referenza ghaldak li ghadek kif ghidtilna minn fejn hareg il-Monsinjur kien hemm xi marki pertikulari li jirregolaw ta' kif wiehed johrog jew jidhol mit-triq imsemmija?

Xhud: Kif inidkat fl-isketch Sur Magistrat kien hawn Stop sign, il-Monsinjur hareg minn din it-triq, it-triq in-no entry hija din it-triq, hawnhekk tista tidhol u tista tohrog, peress li din hija main road it-triq hija regolata bi Stop sign, imma tabelli ta' no entry m'hemmx.

Pros: Xejn iktar Sur Magistrat."

L-istess xhud in ri kontro ezami qal:

"Difiza: Inti bejn wiehed u iehor ghandek idea kemm hi wiesgha Triq Anton Buttigieg?

Xhud: Triq il-President Anton Buttigieg hija wiesgha ghaxra punt disa' (10.9) metri.

Difiza: Grazzi."

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Carmelo Zammit li fis-Seduta tal-ghoxrin (20) ta' Frar, 2013, qal:

"Avukat: Spjega lill-Qorti elabora jigifieri kif sehh l-incident.

Xhud: Mela l-ewwel nett dan si tratta ta' frame up ta' Daniel Abela illi biex ma jehilx missieru u ommu u huh li kien qieghed isuq ma kellux licenzja, la insurance u lanqas kellu tmintax (18)-il sena.

Avukat: Monsinjur inti kont qieghed issuq vettura ibda minn hemmhekk.

Xhud: Jiena kont wieqaf mal-genb tat-triq wiesgha erbghin (40) pied u l-karozza giet karozza minn warajja bi speed tant qawwi illi tatni daqqa fuq wara sabtitni mal-hajt, dawritni u ghaddiet minn fuqi kif tidher fl-iskecc li ghamel l-istess surgent. Tlett (3) daqqiet kellha l-

karozza. Hemm, meta hrigt mill-karozza, hemm jiena ma hrigt mill-karozza, harguni alavolja iktar il-quddiem lis-surgent ghax kont mitluf minn sensija ghidtlu li hrigt jien wahdi u ma grali xejn, fil-fatt harguni u tefghuni bil-qieghda fl-art. Hemm imma kif nghidu ahna, hemm kif xehed id-driver stess Michael gie jara xi grali u meta rani miksi kollni demm rega' mar f'postu u lili telaqni hemmhekk imbaghad gew in-nies. Taghni daqqa b'tali mod illi s-seat ta' hdejja gie warajja bid-daqqa li taghni mal-hajt. Qabel ma haduni l-isptar ma rkibt l-ambulanza hemm kien hemm in-nies u qalulhom 'hemmhekk hemm tnejn ohra korruti' ghax il-karozza bid-daqqa li tat lili eh giet eh kif nghidu total lost hi ukoll 'u wiehed minnhom lanqas jista' jimxi morru gibuhom' u giebu tnejn (2) ohra biss mhux tlieta (3), tnejn (2). Jigifieri d-driver u li kien Michael, hu u l-passigier li kellu mieghu.

Haduni l-isptar u sadanittant jien ma rajt l-ebda pulizija jew haga jew ohra. Hemm meta kont l-isptar filghodu gie s-surgent u jien kont rieqed, qajmuni ghax kienu ghadhom kif tawni s-sedattivi ghax ma xtajtx norqod bl-inkwiet hux veru matul il-lejl u bix-xokk illi kelli u s-surgent staqsieni tlett (3) domandi biss: minn fejn kont gej? Ghidtlu minn Marsaxlokk, qalli f'liema direzzjoni kont sejjer? U jien ghidtlu surgent miniex f'sikti, miniex f'posti u sturdut ghidtlu nghidlek il-quddiem mhux issa, m'ghandix mohh, imbaghad qalli inti gralek xi haga? U jien ghax qed inghidlek kont stordut, ghidtlu jien ma grali xejn mill-karozza hrigt wahdi u mhux veru ghax harguni n-nies, ftiehemna, u pero' naf li staqsejtu ghidtlu x'gara mit-tnejn (2) l-ohra li kienu fil-karozza? U s-surgent qalli le qalli d-driver ma gralu xejn qalli dam tlett (3) sieghat ipacpac mieghi fuq il-post, qalli dak ma gralu xejn. Imma d-driver kien l-isptar mhux ipacpac mieghu.

...... l-isptar domt erba' (4) tijiem, wara li hrigt bdejt incempel lis-surgent Birzebbugia u daqqa jghiduli mhux hawn, daqqa jghiduli bil-leave, daqqa jghiduli jidhol fit-tard u haga w'ohra u dan imma fl-ahhar qbadtu xi gimgha wara u ghidtlu surgent se cempiltlek l-ewwelnett biex nghidlek illi jiena kont fid-direzzjoni ta' Marsaskala u hu setgha jara li d-direzzjoni kienet Marsascala ghax ir-ritratti stess jixhdu, dawk ir-ritratti li x'jghidulu ghidtlu u t-tieni biex taghtini r-rapport halli mmur ghand l-insurance. Insomma ghaddew xi zmien u jien kellimt lill-Assistent Kummissarju u qalli se nirreferik lill-Ispettur taz-Zejtun Arthur Mercieca. U xi gimgha wara hekk insomma gie dan ir-rapport. Jien malli rajtu ghidt dan kif

hawn imnizzel Adrian li kien qieghed isuq, dan kien qieghed isuq Michael mhux Adrian u ghidt lill-Ispettur ghidtlu. Qalli issa nergghu nibaghtu ghalih halli naraw halli naraw x'se jghid. U baghatu ghalih u l-Ispettur qalli, qalli hares dak qieghed ikompli jsostni illi hu kien qieghed isuq mhux huh li ma kellux licenzja jigifieri. Hemm din hija s-sintezi kollox. Issa r-rapport tas-surgent huwa skorrett ghall-ahhar ghax lanqas biss kellu d-decenza illi jara l-licenzja, l-insurance u hemm nizzel li l-owner tal-karozza kien haddiehor mhux omm id-driver stess illi xtrat karozza ghat-tifel taghha li ma kellux tmintax (18)-il sena biex jigri biha u jahrat iz-Zejtun kollu ghax jien miz-Zejtun u noqghod iz-Zejtun u jghaddi minn quddiemi jigifieri, jahrat iz-Zejtun biha. Kien ilu jsuq zmien dan.

Jigifieri din wahda mill-affarijiet illi jiena, l-istess haga s-surgent nizzel li kien hemm break ta' wiehed u ghoxrin (21) metru, pero' mal-wiehed u ghoxrin (21) metru l-karozza ma waqfitx imma kienet sejra tant b'sahha li lili sabtitni u kompliet sejra, kompliet sejra. Hemm ma jindika l-ebda qisien tat-triq illi kienet erbghin (40) pied wiesgha, illi t-traffiku baqa' ghaddej kontinwament tant baqa' ghaddej kontinwament illi min ha dawn ir-ritratti ghadda minn hdejja tant kont mal-hajt jien. Qal illi hrigt mit-triq ta', minn Marsaxlokko Road. Hrigt veru imma mhux dak il-hin. Jien hrigt qabel, qsamt it-triq u mort mal-genb tat-triq il-ghaliex dakinhar ma stajtx nghaddi minn fejn nghaddi s-soltu ghax kienet il-Gimgha l-Kbira u kien hemm it-toroq maghluqin. Allura waqaft ghall-mument jien jigifieri halli nara minn fejn jaqbilli sakemm nasal id-dar taghna u f'dak il-hin illi domt hemmhekk dak il-hin li domt hemmhekk gara dan l-incident. Fix-xhieda tieghu alavolja x'jghidulu l-ewwelnett dan hemm kif nghidu ahna x'jismu bhal issa, x'jismu bhal issa l-iehor?

Avukat: Ma tistax tistaqsi lili.

Xhud: Huh.

Avukat: Diga' semmejtu sewwa?

Xhud: Iva. Barra minn hekk lil dan ma rajtu qatt jien la qabel ma haduni l-isptar u lanqas wara. Rajtu l-ewwel darba hawnhekk gol-Qorti biss meta gie mixli quddiem il-Magistrat, il-Magistrat hemm Demicoli hemm ftiehemna. Hemm jigifieri kif nghidu ahna kollox inkiteb kif

qal minghajr verifika ta' xejn. Hemm dan jigifieri huwa kaz frame up tal-prima klassi illi ma nafx kif dawn l-affarijiet twemmnu jien. Ma nafx jekk iridux tistaqsuni xi haga ohra?

Qorti: Dottore domandi.

Avukat: Mela tiftakar meta sehh dan l-incident?

Xhud: X'inhu?

Avukat: Id-data ta' meta sehh?

Xhud: Id-data kienet fil-21 ta' Marzu fl-erbgha u nofs ta' filghaxija (4:30pm), kienet il-Gimgha l-Kbira.

Avukat: U tista' tikkonferma mal-Qorti mela Adrian kif dahal fl-istorja?

Xhud: Adrian id-driver hux qed inghid jien?

Avukat: ......

Xhud: Adrian dahal biex jiskappaha lil huh, ghax huh kien bla licenzja, la insurance u lanqas xejn ma kellu xejn u kien qed isuq taht l-eta'. Allura gie wara, wara gie ta ghax il-karozza tieghu f'xi ritratti tidher ukoll t'Adrian. Gie wara u ahna x-xufier Michael jiena u l-passigier li kellu mieghu dhalna gol-istess ambulanza u haduna l-isptar imbaghad gie Adrian ghamel tlett (3) sieghat ipacpac mas-surgent u ffurmaw l-istorja u minni s-surgent ma sar jaf xejn, ma staqsieni xejn hlief dawk it-tlett (3) domandi li ghamiltlu.

Avukat: U tiftakar kemm kien hemm vetturi nvoluti allura fl-accident?

Xhud: Le jiena u hu.

Avukat: Int u hu?

Xhud: Jien kont mal-hajt gie hu u taghni daqqa fuq wara hekk sabbatni mal-hajt, dawwarni u ghadda minn fuqi.

Avukat: U erga' fakkarna mela minn fejn kien gej hu u kif sar l-impatt?

Xhud: Issa hu, huma xehedu ghax l-ewwelnett Adrian la ried jixhed fil-kawza tieghu quddiem Dr Demicoli quddiem il-Magistrat u lanqas resqitu l-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz. Il-Prosekuzzjoni ma resqitux.

Avukat: Ghal xiex qed tirreferi hemm xi proceduri ohra ghaddejjin?

Xhud: X'inhu?

Avukat: Quddiem Qorti ohra?

Xhud: Iva, zgur.

Avukat: Kontrihom? Kontra min?

Xhud: Kontra Adrian ghax dik storja ohra kif l-istess incident.

Avukat: Kontra Adrian.

Xhud: Gie ghand Magistrat u ghand iehor mhux l-istess wiehed.

Avukat: Kompli, hemm kif sar l-impatt kont qed tghid.

Xhud: L-imptatt jiena kont wieqaf hu gie b'forza tremenda.

Avukat: Minn fejn?

Xhud: Hu gie minn triq, qal wiehed qal, illi gie minn Triq President Buttigieg.

Avukat: Ghidilna inti mela hu minn fejn fil-fatt kien gej?

Xhud: Minn warajja kien gej.

Avukat: Minn warajk.

Xhud: Wiehed qal illi kien gej minn Triq President Buttigieg u jekk tisma' ir-recording li ta x-xhud l-iehor Geoffrey Schembri qal illi gej minn Triq Hal-Bajda ma qablux bejniethom.

Avukat: Dwar il-break marks.

Xhud: X'hinu?

Avukat: Il-break marks li kien hemm immarkati fl-art ta' liema vettura kienu?

Xhud: X'inhu?

Avukat: Il-break marks?

Xhud: Il-break marks kienu tal-vettura tieghu u meta tiehu break tul ta' wiehed u ghoxrin (21) metru l-karozza minnha nfisha titfek ghal gol-hajt ma tohrogx ghan-nofs. Issettjati hekk il-breakijiet dejjem billi huma jitfghuk gol-hajt u allura sab lili. Barra minn hekk quddiem l-arbitru.

Avukat: Ghax hemm proceduri ohrajn Civili sewwa qed nghid?

Xhud: Hemm kawza ta' Arbitragg. Quddiem l-arbitru hemm dan Michael qal illi quddiemhom kien hemm karozza ohra illi baqghet ghaddejja ma qabzitx minn hemm ghax kieku kienet tieqaf. Il-break marks kienu zgur taghhom mhux billi jghid ma zammx breakijiet. L-istess haga jigifieri hemm konflitt enormi.

Avukat: Nissospendi ghalissa. Tixtieq izzid Monsinjur?

Xhud: Ghal mument ma niftakarx, ghal mument ma niftakarx iktar. L-injuries jiena fil-bidu ghidtlu ma grali xejn lis-surgent imma wara hemm, hemm.

Avukat: Fil-fatt x'kellek?

Xhud: Kelli tlett (3) kustilji miksurin, ghafsa go spallti u bid-daqqa li taghni mnalla kont bis-seat belt ghax tajt daqqa b'rasi lill-wind screen u kissirtha u ghamilt ferita f'mohhi u minn hemmhekk hareg dak id-demm kollu li kien li x'jghidulu.

Avukat: Dawn hemm rapporti medici dwar dawn?

Xhud: Iva.

Avukat: U prezentati?

Xhud: Ehe, ehe.

Qorti: Ok.

Avukat: Xejn aktar."

Qorti: Kontro ezami.

"Pros: Ara Dun Karm inti semmejt li l-ghada illi gara l-incident kien gie s-surgent l-isptar.

Xhud: Ehe.

Pros: U kien hadlek il-verzjoni ta' kif gara dan l-incident naqblu?

Xhud: Ehe.

Pros: Issa inti fil-verzjoni tieghek dakinhar kont ghidtlu "jiena kont hiereg minn Marsaxlokk Road, sejjer lejn xi naha minnhom ghax ma niftakarx liema naha mbaghad sibtu ghal fuqi u ma niftakarx aktar, li naf hu li hrigt mill-karozza wahdi" jigifieri dik il-verzjoni ma kinitx wahda korretta?

Xhud: Diga' ghidtlek Sur Magistrat illi jiena dak il-hin kont mitluf minn rasi u taht l-influenza tas-sedattivi, jigifieri jiena hrigt mit-triq ta' Marsaxlokk veru, qsamt it-triq u mort ippostjajt ruhi mal-genb tat-triq.

Pros: Issa inti fil-fatt kif spjegajt tajjeb ftit taz-zmien wara meta inti kont hrigt mill-isptar kont ergajt kellimt lill-istess surgent u tlabtu biex izzid xi haga fir-rapport naqblu?

Xhud: X'kienet?

Pros: Le, le naqblu li kont tlabtu biex izzid xi haga fir-rapport?

Xhud: Din, din kienet illi jiena kont, jien kont qieghed fid-direzzjoni ta' triq ta' Marsa......

Pros: Issa l-verzjoni illi tajt lis-surgent kienet din "jiena kont sejjer lejn Marsascala u jien u nsuq billi l-ewwel naqsam ghal faccata dritt imbaghad wara ndur lejn id-direzzjoni li nkun sejjer fiha."

Xhud: Ehe.

Pros: "Jiena ma rajt l-ebda karozzi gejjin minn naha l-ohra tat-triq."

Xhud: U zgur, ehe.

Pros: Tajjeb?

Xhud: Ehe.

Pros: Jigifieri dik kienet il-verzjoni?

Xhud: Iva, hemm jien hrigt Sur Magistrat jien hrigt minn hawn u ma dort ghal nofs it-triq, mort dritt ghan-naha l-ohra u ntfajt taht il-hajt, taht il-hajt ghalkemm biex inghid hekk fit-triq wiesgha erbghin (40) pied mhux cajta.

Avukat: Qabel il-habta jew wara l-habta imma? Iccara ftit.

Xhud: Qabel il-habta.

Avukat: Qabel il-habta.

Xhud: Qabel il-habta hrigt meta t-triq kienet assulutament vojta, iktar u iktar jekk huma hargu minn Triq Hal-Bajda, Hal-Bajda mhiex triq dritta imma hija side street ohra li hargu minnha u gew fuqi.

Pros: Xejn iktar Sur Magistrat."

F'dan l-istadju l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti bran mit-trattazzjoni tad-Difiza li saret fl-erbgha (4) ta' Lulju, 2013:

"Mela, jekk inharsu ftit lejn il-Process u naraw anke r-ritratti tal-incident jirrizulta car minnhom illi filwaqt illi l-vettura tal-Monsinjur Zammit kienet mal-genb tat-triq ghax wara kollox irid jigi kkonstatat ukoll il-post fejn sehh l-incident m'ahniex qedghin nitkellmu fuq xi sqaq, qedghin nitkellmu l-By Pass taz-Zejtun illi bizzejjed jinghad illi wara dan l-incident kien hemm anke ncidenti fatali hawnhekk. Hija triq dritta, hija triq li sfortunatament tinkoraggixxi l-abbuz ghax qeghda ghat-tul, biex tkompli taghmilha aktar ikkomplikata m'ghandiex service road u min ikun ghaddej minn hemmhekk minghajr ma jrid ihossu forsi ftit eh fil-liberta' illi jghafsilha xi naqra u dak kien li gara f'dan l-incident." "..........................................." "Is-Sur Zammit hareg mit-triq ta' Marsaxlokk, saq fi Triq Anton Buttigieg imbaghad dawn kienu gejjin b'sahha tremenda u habtu mieghu u gara li gara."

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta' PS1312 Adrian Sultana li fis-Seduta tal-erbgha (4) ta' Gunju, 2008, inter alia, qal:

"......................" "Dana lili kien qalli li huwa kien qieghed isuq minn fejn il-Lesco Supermarket, sejjer lejn Wied il-Ghajn. Huwa zid jghidli li l-karozza l-ohra kienet harget mit-triq ta' Marsaxlokk u 'jiena sibtu fit-triq.' 'Jiena ppruvajt nieqaf', zied jghidli dan Daniel Abela, izda ma lhaqtx u hbatna. Dan zied jghidli li lanqas lahaq ghafas il-brejk. Hawn hekk nixtieq inzid nghid li jiena fuq il-post kont sibt wiehed u ghoxrin (21) metru brejk marks, pero' jiena meta kellemt lil imsemmi xufier Daniel Abela, dan kien qalli li dak il-brejk mark ma kienx tieghu, imma ta' karozza li kienet warajh." "................................" "Nghid li lili l-imputat kien qalli li hu kien hareg minn fejn kien hemm l-istop sign. Jiena nixtieq nghid illi jiena nizzilt kelma b'kelma dak li kien qalli l-imputat. U ghaldaqstant, m'ghandix imnizzel lil imputat li kien qalli li kien waqaf jew ma waqafx fuq l-istop sign." (Sottolinjar tal-Qorti)

Dwar dak li xehed PS1312 Adrian Sultana fis-Seduta tal-erbgha (4) ta' Gunju, 2008 meta l-istess Surgent kellem lill-imputat fl-Isptar il-Qorti tirrileva li mill-atti processwali ma jirrizultax jekk l-imsemmi Surgent informa lill-imputat fl-Isptar li jista' jaghzel li ma jinkriminax ruhu jew ma infurmahx. Issa l-Qorti f'dan ir-rigward sejra taghmel referenza ghas-segwenti bran mis-Sentenza (Decizjoni Preliminari) tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta kontra Carmelo sive Charles Tabone' per S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici, LL.D., President, Onor. Carmelo A. Agius B.A. LL.D., Onor. Noel V. Arrigo LL.D. moghtija fis-17 ta' Jannar, 1995:

"..........................................." "Jekk mill-atti processwali jirrizulta *ab initio* illi l-persuna suspettata, aktar u aktar jekk tkun taht arrest, tkun giet interrogata minghajr ma tkun giet informata li tista' taghzel li ma tinkriminax ruhha, dik il-konfessjoni hija minn natura taghha stess suspetta ghal dik li hija volontarjeta' talment li jkun perikoluz li tingieb a konjizzjoni ta' min ghandu jiggudika fuq il-fatti." (Sottolinjar tal-Qorti)

Taghmel ukoll referenza ghall-bran mid-deposizzjoni ta' PS 1312 Adrian Sultana li fis-Seduta tal-hdax (11) ta' Ottubru, 2012 inter alia qal is-segwenti:

"…………….." "No Sur Magistrat il-Monsinjur ma harigx kontra l-one way, minn fejn hareg ma kienetx kontra l-one way, seta' johrog minn fejn hareg. It-triq li kienet opposta ma setghetx tidhol minnha, li kienet faccata tat-triq li hareg

minnha l-Monsinjur. Il-one way hija t-triq hawnhekk kien hawn triq no entry, il-Monsinjur hareg minn triq li kienet fuq din in-nahha tat-triq, dik it-triq hija two way, tista tidhol minnha u tista tohrog minnha. Minn fejn hareg kien hareg tajjeb, ma harigx kontra l-one way.” (Sottolinjar tal-Qorti)

Il-Qorti issa sejra taghmel referenza ghall-brani mid-deposizzjoni tal-imputat Carmelo Zammit li fis-Seduta tal-ghoxrin (20) ta’ Frar, 2013 fejn inter alia qal:

“.......................” “Jiena kont wieqaf mal-genb tat-triq wiesgha erbghin (40) pied u l-karozza giet karozza minn warajja bi speed tant qawwi illi tatni daqqa fuq wara sabtitni mal-hajt, dawritni u ghaddiet minn fuqi kif tidher fl-iskecc li ghamel l-istess surgent.” “...................” “Jigifieri din wahda mill-affarijiet illi jiena, l-istess haga s-surgent nizzel li kien hemm break ta' wiehed u ghoxrin (21) metru, pero' mal-wiehed u ghoxrin (21) metru l-karozza ma waqfitx imma kienet sejra tant b'sahha li lili sabtitni u kompliet sejra, kompliet sejra. Hemm ma jindika l-ebda qisien tat-triq illi kienet erbghin (40) pied wiesgha, illi t-traffiku baqa' ghaddej kontinwament tant baqa' ghaddej kontinwament illi min ha dawn ir-ritratti ghadda minn hdejja tant kont mal-hajt jien.” “................” **“**Il-break marks kienu tal-vettura tieghu u meta tiehu break tul ta' wiehed u ghoxrin (21) metru l-karozza minnha nfisha titfek ghal gol-hajt ma tohrogx ghan-nofs.” (Sottolinjar tal-Qorti)

In kontro ezami l-imputat, inter alia, qal is-segwenti:

“......................” “Pros: Issa l-verzjoni illi tajt lis-surgent kienet din "jiena kont sejjer lejn Marsascala u jien u nsuq billi l-ewwel naqsam ghal faccata dritt imbaghad wara ndur lejn id-direzzjoni li nkun sejjer fiha.

Xhud: Ehe.

Pros: “Jiena ma rajt l-ebda karozzi gejjin minn naha l-ohra tat-triq.”

Xhud: U zgur, ehe.

Pros: Tajjeb?

Xhud: Ehe.

Pros: Jigifieri dik kienet il-verzjoni?

Xhud: Iva, hemm jien hrigt Sur Magistrat jien hrigt minn hawn u ma dort ghal nofs it-triq, mort dritt ghan-naha l-ohra u ntfajt taht il-hajt, taht il-hajt ghalkemm biex inghid hekk fit-triq wiesgha erbghin (40) pied mhux cajta.

Avukat: Qabel il-habta jew wara l-habta imma? Iccara ftit.

Xhud: Qabel il-habta."

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghar-ritratti esebiti A1, A2 u A3 u li jinsabu minn fol. 98 sa fol. 100 tal-Process.

Fil-fehma tal-Qorti mill-kumpless tal-provi processwali u senjatament mill-brani hawn fuq citati u r-ritratti hawn fuq riferiti jemergi dubju ragonevoli dwar kif effettivament sehh l-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza, liema dubju ghandu jmur favur l-imputat u ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat sal-grad tal-prova rikjest mil-ligi. Konsegwentement tillibera lill-imputat Carmelo Zammit mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu stante li tali akkuzi ma gewx sufficjentement ippruvati.

**Ft./Dr. Saviour Demicoli LL.D., M.Phil.**
**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**